32004R0543

L 87/8 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 25.3.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 543/2004

ta' l-24 ta' Marzu 2004

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1520/2000 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' l-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal ċerti prodotti agrikoli esportati fl-għamla ta' oġġetti mhux koperti bl-Anness I tat-Trattat, u l-kriterji għall-iffissar ta' l-ammont ta' tali rifużjonijiet

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali li japplikaw għal ċerti oġġeti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli [1], u partikolarment l-Artikolu 8(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikoli 5(2) u 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1520/2000 [2] jipprovdu għal sistema ta' stabbilizzar bil-quddiem tar-rata tar-rifużjoni applikabbli għall-oġġetti esportati matul il-perijodu tal-validità taċ-ċertifikat tar-rifużjoni. Meta s-sistema tal-istabbilizzar bil-quddiem tkun applikata, ir-rata tar-rifużjoni fis-seħħ fil-jum li fih l-applikazzjoni għall-istabbilizzar bil-quddiem tkun ippreżentata hija applikabbli għall-oġġetti esportati f'data aktar tard matul il-perijodu tal-validità taċ-ċertifikat tar-rifużjoni.

(2) B'dana kollu, minħaba li r-rati għar-rifużjoni tal-ħalib, taz-zokkor, taċ-ċereali u tar-ross huma suġġetti li tkun stabbilita jew immodifikati nhar ta' Ħamisijiet, ikun hemm ir-riskju li l-applikazzjoni għal stabbilizzar bil-quddiem għal dawk il-prodotti tkun ippreżentata għal raġunijiet spekulattivi jew tali applikazzjonijiet ippreżentati nhar ta' Ħamis kellhom ikunu meqjusa bħala li kienu ġew ippreżentati f'dak il-jum. Sabiex ikun imnaqqas dak ir-riskju għandu għalhekk ikun hemm provvediment li meta applikazzjoni għall-istabbilizzar bil-quddiem tkun ippreżentata nhar ta' Ħamis, l-applikazzjoni hija meqjusa bħala li tkun ġiet ippreżentata fil-jum utili segwenti.

(3) L-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 tal-15 ta' April 1999 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fuq prodotti agrikoli [3], jipprovdi li l-ebda rifużjoni ma tkun mogħtija fuq il-prodotti li ma jkunux ta' kwalità tajba u ġusta għas-suq fil-jum ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni. Sabiex ikun assigurat li din ir-regola hija applikata b'mod uniformi, għandu jkun stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1520/2000 li sabiex rifużjoni tkun mogħtija għall-prodotti li huma indikati fl-Artikolu 1 tar-Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE tas-16 ta' Ġunju 1992 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' ħalib nej, ħalib ittrattat bis-sħana u prodotti ibbazati fuq il-ħalib [4], jew l-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/437/KEE ta' l-20 ta' Ġunju 1989 dwar l-igjene u l-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tal-bajd [5], u li jidhru fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 1520/200, dawn għandhom ikunu ippreparati b'konformità mal-ħtiġiet ta' dawk id-direttivi u li jkollhom il-marka meħtieġa tas-saħħa.

(4) Minħabba li xi operaturi jistgħu, fil-prattika, jeħtieġu aktar żmien sabiex jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa sabiex jassiguraw li l-ippakkjar ta' l-oġġetti tagħhom ikollhom il-marka tas-saħħa kif meħtieġ, din il-ħtieġa m'għandhiex tkun applikabbli qabel il-15 ta' April 2004.

(5) Għalhekk, ir-Reġolament (KE) 1520/2000 għandu jkun emendat kif xieraq,

(6) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni dwar kwistjonijiet orizzontali li jikkonċernaw il-prodotti agrikoli ipproċesati li ma humiex elenkati fl-Anness I tat-Trattat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1520/2000 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 5(2), it-tieni subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Meta s-sistema ta' l-istabbilizzar bil-quddiem tar-rata tar-rifużjoni tkun applikata, ir-rata tar-rifużjoni fis-seħħ fil-jum li fih l-applikazzjoni għall-istabbilizzar bil-quddiem tkun ippreżentata għandha tkun applikabbli għall-oġġetti esportati f'data aktar tard matul il-perijodu tal-validità taċ-ċertifikat tar-rifużjoni b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 9(2). B'dana kollu, applikazzjonijiet għall-istabbilizzar bil-quddiem ippreżentati nhar ta' Ħamis għandhom ikunu meqjusa bħala li kienu ġew ippreżentati fil-jum utili segwenti."

---

[1] ĠU L 318, ta' l-20.12.1993, p. 18. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2580/2000 (ĠU L 298, tal-25.11.2000, p. 5).

[2] ĠU L 177, tal-15.7.2000, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 307/2004 (ĠU L 52, tal-21.2.2004, p. 35).

[3] ĠU L 102, tas-17.4.1999, p. 11. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2010/2003 (ĠU L 297, tal-15.11.2003, p. 13).

[4] ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

[5] ĠU L 212, tat-22.7.1989, p. 87. Id-Direttiva kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

2. L-Artikolu 7(2) huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. Il-parti kkonċernata tista' titlob għall-iffissar bil-quddiem tar-rati tar-rifużjoni fis-seħħ fil-jum tal-preżentazzjoni ta' l-applikazzjoni. F'dak il-każ, l-istabilizzar bil-quddiem jikkonċerna r-rati applikabbli kollha tar-rifużjoni. Applikazzjoni waħdanija għall-istabilizzar bil-quddiem tista tkun ippreżentata skond il-kondizzjonijiet fl-Anness F jew fil-waqt ta' l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat tar-rifużjoni jew fil-jum ta' l-għoti taċ-ċertifikat tar-rifużjoni imma qabel l-aħħar jum tal-validità tiegħu.

L-istabilizzar bil-quddiem m'għandux ikun applikabli għall-esportazzjoni li sseħħ qabel id-data ta' l-applikazzjoni.

Bħala deroga mill-ewwel subparagrafu, u sakemm l-applikazzjonijiet relevanti jkunu jirrigwardjaw it-talbiet għall-istabbilizzar bil-quddiem tar-rati tar-rifużjoni, applikazzjonijiet għall-istabilizzar bil-quddiem ippreżentati nhar ta'Ħamis għandhom ikunu meqjusa bħala li kienu ġew ippreżentati fil-jum utili segwenti."

3. L-Artikolu 16, il-paragrafu 10 li ġej huwa miżjud:

"10. Sabiex rifużjoni tkun mogħtija għall-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM codes 0403 10 51 sa 0403 10 99, 0403 90 71 sa 0403 90 99, 0405 20 10, 0405 20 30 u 2105 00 99, l-oġġetti għandhom jilħqu l-ħtiġiet tad-Direttiva 92/46/KEE, partikolarment il-ħtieġa li jkunu ġew ippreparati fi stabbeliment approvat u tal-konformità mal-ħtiġiet tal-immarkar tas-saħħa kif speċifikati fil-punt A tal-Kapitolu IV ta' l-Anness C tiegħu.

Sabiex rifużjoni tkun mogħtija fuq l-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3502 11 90 u 3502 19 90, l-oġġetti għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu XI ta' l-Anness tad-Direttiva 89/437/KEE."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1(3) għandu jibda japplika mil-15 ta' April 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Marzu 2004.

Ghall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni